# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Ġuramentat Numru 531/2023 MS*

**Glynn Gareth Clews**

**Vs.**

**Nadia Ahmad Costa u Abdel Karim Ahmad magħruf bħala Michael Costa**
**u**
**C & C Electrical and Plumbing Limited u r-Reġistratur tal-Kumpaniji għal kull interess li jista' jkollhom**

Illum, 15 ta' Lulju, 2024

Kawża Numru: 11

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ġuramentat preżentat mill-attur fit-23 ta' Mejju, 2023, li bih wara li ppremetta dan li ġej:

> Illi r-rikorrenti kien direttur u ishmatarju tas-soċjeta' konvenuta C & C Electrical and Plumbing Limited (C-

58112) mis-sena elfejn u tnax (2012) sal-erbatax (14) ta' April tas-sena elfejn u sittax (2016);

Illi il-partijiet daħlu fi ftehim f'Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016) fejn ir-rikorrenti aċċetta li jbigħ, jitrasferixxi u jassenja l-ishma kollha tiegħu f'din il-kumpanija, senjatament tmien t'elef, erba' mija u tmenin (8,480) sehem ordinarju li kellhu fis-soċjeta' C & C Electrical and Plumbing Limited (ftehim anness u mmarkat **Dok. GGC1**) a favur tal-intimata Nadia Ahmad Costa;

Illi għal dan it-trasferiment, il-partijiet ftehmu li r-rikorrenti jirċievi tlett vannijiet bħala konsiderazzjoni mingħand l-intimati, kif stipulat fi klawsola 3.1 tal-ftehim, liema konsiderazzjoni huwa rċieva in adempjiment mal-ftehim;

Illi in segwitu u in adempjiment għall-ftehim u kif jidher mid-dokument anness u mmarkat **Dok. GGC2** il-Formola bl-ittra 'K' preżentata fl-14 ta' April tas-sena elfejn u sittax (2016), ir-rikorrenti irriżenja minn direttur, rappreżentant legali kif ukoll rappreżentant ġudizzjarju tal-kumpanija C & C Electric and Plumbing Limited u minfloku ġie appuntat l-intimat Ahmad Abdel Karim;

Illi minkejja li l-partijiet ftehmu u bdew jattwaw il-ftehim, il-konvenuta Nadia Ahmad Costa naqset milli teżegwi l-parti tagħha ta' dan il-ftehim u tirreġistra it-trasferiment tal-ishma fuq isimha billi tippreżenta d-debita formola skond il-liġi u jirriżulta li r-rikorrenti għadu sal-lum il-ġurnata reġistrat formalment bħala ishmatarju fl-ammont ta' tmien t'elef, erba' mija u tmenin-il sehem ordinarju fil-kumpanija intimata C & C Electrical and Plumbing Limited (estratt mis-sit elettronika tal-MBR anness u mmarkat **Dok. GGC3**);

Illi minkejja d-disposizzjoni fil-klawsola 3.3 tal-ftehim (**Dok. GGC1**), jirriżulta li l-intimata Nadia Ahmad Costa qed tirrifjuta li tirreġistra t-trasferiment sureferit mar-Reġistratur tal-Kumpaniji bi ksur tal-klawsola 3.3 tal-imsemmi ftehim;

Illi minkejja tentattivi da parti tar-rikorrenti, l-intimati baqgħu inadempjenti u m'onorawx il-ftehim fl-intier tiegħu u dan bi preġudizzju għar-rikorrenti (kopja tal-ittra uffiċjali preżentata kontra l-intimati annessa u mmarkata **Dok. GGC4**)

l-attur issokta billi talab lill-Qorti:

1. Tiddeċiedi u tiddikjara li l-ishma kollha tar-rikorrenti, senjatament tmien t'elef, erba' mija u tmenin (8,480) sehem ordinarju li kellhu fis-soċjeta' C & C Electrical and Plumbing Limited (C-58112) ġew mibjugħa lill-konvenuta Nadia Ahmed Costa permezz tal-ftehim bejn il-partijiet f'Jannar tas-sena 2016 u l-konsiderazzjoni għal dan il-bejgħ ġiet trasferita lir-rikorrenti skont il-ftehim;

2. Prevja dikjarazzjoni illi l-intimata Nadia Ahmad Costa m'onoratx il-ftehim mar-rikorrenti, kif ukoll dikjarazzjoni li l-intimati jew min minnhom naqsu mill-obbligi minnhom assunti versu r-rikorrenti, tordna illi l-istess intimati, jew min minnhom, jirreġistraw u/jew jitrasferixxu l-ishma kollha tar-rikorrenti fuq isem l-intimata Nadia Ahmad Costa in eżegwiment ta' dak miftiehem;

3. Taħtar u tinnomina Kuraturi Deputati sabiex jidhru minflok l-intimati Nadia Ahmad Costa u/jew Abdel Karim Ahmad magħruf bħala Michael Costa sabiex jirrappreżentaw l-eventwali kontumaċi u jeżegwixxu dawk l-atti u proċeduri kollha meħtieġa in adempiment mat-tieni talba hawn dedotta, inkluż li jiffirmaw jull dokument u/jew formola/i rikjesta mill-Liġi sabiex jseħħ it-trasferiment tal-ishma minn fuq isem ir-rikorrenti għall-fuq isem l-intimata Nadia Ahmad Costa;

4. Tordna illi fl-inadempjenza tar-reġistrazzjoni, il-kumpanija intimata C & C Electrical and Plumbing Limited (C-58112), tirreġistra tali trasferiment ta` ishma fil-ktieb tal-ishma tagħha;

5. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom sabiex iħallsu l-penali dovuti minħabba d-dewmien sabiex t-trasferiment jiġi reġistrat formalment mar-Reġistratur tal-Kumpaniji;

6. Tawtorizza lir-rikorrenti jħallas kull boll u/jew taxxa dovuta lill-Kummissarju għat-Taxxi fuq l-imsemmija trasferiment għas-spejjeż tal-istess intimati jew min minnhom;

7. Tordna li r-Reġistratur tal-Kumpaniji jilqa il-formola tat-trasferiment u jirreġistra l-istess trasferiment fuq l-intimata Nadia Ahmad Costa skind il-Liġi, u dan taħt kull provediment ieħor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha opportun.

   Bl-imgħax u spejjeż legali, inklużi dawk tal-ittri uffiċjali, kontra l-intimati li minn issa huma nġunti sabiex jidhru in subizzjoni.

2. Rat ir-risposta ġuramentata preżentata mir-Reġistratur konvenut fl-4 ta' Lulju 2023[1], li permezz tagħha wieġeb hekk:

> Illi in kwantu għall-meriti fattwali ta' din il-kawża l-intimata Registratur tirimetti ruħha għal provi u għal ġudizzju abbli ta' dina l-Onorabbli Qorti;
>
> Illi, r-Registratur qatt ma ġiet notifikata bl-avviz tat-trasferiment tal-ishma tar-rikorrent. Għaldaqstant huwa għadu jidher fuq is-sit elettroniku miżmum mill-esponenti bħala azzjonist sal-ġurnata tal-lum;
>
> Illi di piu', il-prospett annwali illi jġib id-data tas-6 ta' Novembru 2016 baqgħa juri lill-istess rikorrent bħala azzjonist. Dan meta skont ir-rikors promotur ir-rikorrent kien spiċċa minn azzjonist fl-14 t' April 2016;
>
> Illi skont l-Artikolu 120(1) hija l-kumpanija illi għandha l-obbligu illi tissottometti l-avviz tat- trasferiment illi jiġi rreġistrat u miżmum fuq is-sit eletroniku tal-esponenti għall-għarfien tat-terzi persuni. Dan wara illi tiġi mħallasa t-taxxa dovuta fuq tali trasferiment. Tant hu hekk, illi l-istess artikolu jkompli sabiex jiddefinixxi 'trasferiment' għal finijiet tal-istess Att bħala trasferiment illi fuqu jkun tħallas id-dazju dovut;
>
> Illi bħala riżultat ta' tali trasferiment, il-kumpanija de quo saret single member company u għalhekk oltre l-avviz tat-trasferiment, għandhom jiġu sottomessi wkoll rizoluzzjoni flimkien mal-istatut ġdid illi jispeċifika liema attivita tal-kumpanija sejra tkun l-attivita ewlenija tagħha, kif ukoll il-Formola I, illi skont l-Artikolu 212(4) tal-Att għandha tiġi sottomessa meta kumpanija tispiċċa b' membru wieħed meta l-azzjonijiet kolha tagħha jiġu akkwistati minn persuna waħda. Tali Formola għandha tiġi sottomessa mill-kumpanija fi żmien erbatax-il ġurnata minn meta jkun gara dan il-fatt;
>
> Illi l-irwol ewlieni tar-Registratur tal-Kumpaniji huwa dak delinjat f' Artikolu 401(1) tal-Att dwar il- Kumpanniji, jiġifieri dak illi żżomm u tirregistra kull dokument illi jkun mehtieġ illi jiġi ikkonsenjat jew mogħti jew notifikat lilha għar-reġistrazzjoni skont xi waħda mid-dispozzjonijiet tal-Att;
>
> Illi fit-tielet talba tiegħu fir-rikors promotur, ir-rikorrent qiegħed jitlob lill dina l-Qorti sabiex taħtar u tinnomina

[1] Ara fol.21.

Kuraturi Deputati sabiex fost affarjiet oħra jiffirmaw kull dokument u/jew Formoli illi juri t- trasferiment tal-ishma minn fuq isem Gareth Glynn Clews għal fuq waħda mill-intimati, cioe Nadia Ahmad Costa. Illi fit-talbiet tiegħu r-rikkorent kompla sabiex iżid illi dina l-Qorti għandha tordna lill- esponenti sabiex tilqa il-Formola tat-trasferiment;

Illi l-esponenti qiegħeda tirrimetti ruħha f'idejn dina l-Onorabbli Qorti sabiex jiġu rranġati S- sitwazzjoni u l-affarjiet tal-kumpanija de quo. Għaldaqstant, l-esponenti tixtieq tissolleva illi fis- sentenza tagħha dina l-Qorti tagħti direzzjoni dwar x' passi għandhom jittieħdu sabiex l-posizzjoni tal- azzjonisti tal-kumpanija C & C Electrical and Plumbing Limited (C 58112) illi jiġu riflessi direttament fuq il-website pubblika tar-Registratur tkun tirrifletti l-verita' fl-intier tagħha. L-esponenit tixtieq umilment tissolleva wkoll illi dina l-Onorrabli Qorti fis-sentenza tagħha għandha tistabbilixxi minn min għandhom jittieħdu dawn il-passi speċjalment min għandu jiffirma d-dokumentazzjoni relevanti tal-kumpanija f' każ illi l-intimati Abdel Karim Ahmad bħala direttur u Nadia Ahmad Costa bħala segretarja jibqgħu inadempjenti. Dan sabiex jitneħħa kull element ta' dubbju jew incertezza. Għal dan il-għan, l-esponenti qiegħda tissolleva illi lesta illi toqgħod għal kull direttiva jew provediment illi dina l-Qorti jidrilha xieraq u ekwu f' dan ir-rigward. Dan sabiex ukoll jiġu mħarsa l-interessi ta' terzi persuni, interessi illi l- esponenti hija legalment obbligata illi tħares fil-funzjoni pubblika tagħha;

Illi għalhekk l-esponenti tixtieq tissolleva illi għandhom jiġu determinati proċeduri ad hoc u termini fissi sabiex l-affarjiet tal-kumpanija de quo iktar speċifikament il-posizzjoni u l-identita' tal-azzjonisti tagħha jiġu ratifikati fl-iqsar zmien possibli. Dan sabiex jiġu evitati illi l-proċeduri jitwalu bla bżonn;

Illi l-esponent m'għandhiex tinżamm responsabbli għall-ebda spejjeż marbutin ma dan il-każ.

3. Rat ir-risposta ġuramentata mressqa mis-soċjetà konvenuta fil-21 ta' Diċembru 2023[2], li permezz tagħha ġie eċċepit:

(1) Preliminarjament bl-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet kontenuti fil-Kap. 387 tal-Ligijiet ta' Malta [Artikoli 15 (2)

[2] A fol.39.

u 15 (3)] tigi eccepita l-inkompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti in vista tal-klawsola arbitrali kontenuta fi klawsola 13 tal-Ftehim ta' Jannar, 2016 (Dokument GGC1) anness mar-rikors guramentat tar-rikorrent u specjlament in vista tal-fatt li permezz tal-kawza odjerna r-rikorrent qieghed jitlob li jigi onorat il-Ftehim ta' Jannar, 2016 li jikkomprendi l-klawsola arbitraili ghall-finijiet ta' kull tilwima marbuta ma' l-imsemmi Ftehim.

(2) Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

4. Rat ir-risposta ġuramentata mressqa mill-konvenuti Costa fil-21 ta' Diċembru 2023[3], li permezz tagħha ġie eċċepit:

(1) Preliminarjament bl-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet kontenuti fil-Kap. 387 tal-Ligijiet ta' Malta [Artikoli 15 (2) u 15 (3)] tigi eccepita l-inkompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti in vista tal-klawsola arbitrali kontenuta fi klawsola 13 tal-Ftehim ta' Jannar, 2016 (Dokument GGC1) anness mar-rikors guramentat tar-rikorrent u specjlament in vista tal-fatt li permezz tal-kawza odjerna r-rikorrent qieghed jitlob li jigi onorat il-Ftehim ta' Jannar, 2016 li jikkomprendi l-klawsola arbitraili ghall-finijiet ta' kull tilwima marbuta ma' l-imsemmi Ftehim.

(2) Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

5. Rat il-verbal tal-udjenza tas-16 ta' Frar 2024, minn fejn jirriżulta li l-Qorti ordnat li qabel xejn tiġi trattata u deċiża l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta u tal-konvenuti Costa;

6. Rat l-atti proċesswali fl-intier tagħhom;

7. Semgħet it-trattazzjoni magħmula mid-difensuri tal-kontendenti;

8. Rat li l-kawża ġiet imħollija għall-udjenza tal-lum sabiex tingħata sentenza dwar l-imsemmija eċċezzjoni;

Ikkunsidrat:

[3] A fol.40.

9. Illi din hija kawża li permezz tagħha l-attur irid li jkompli jitwettaq ftehim li huwa għamel mal-konvenuti Costa, li permezz tiegħu huwa biegħ lill-konvenuta Costa l-ishma li huwa kellu fis-soċjetà konvenuta għall-konsiderazzjoni li huwa jgħid li diġà tħallset lilu.

10. Minn dak li jirriżulta s'issa mill-atti proċesswali, il-Qorti fehmet li l-attur kien sid ta' tmint elef erba' mija u tmenin sehem ordinarju fis-soċjetà konvenuta, filwaqt li l-konvenuta Costa diġà kellha tnax-il elf seba' mija u għoxrin sehem. Permezz ta' ftehim datat Jannar 2016[4], l-attur biegħ lill-konvenuta Costa l-ishma kollha tiegħu fl-imsemmija soċjetà, versu l-konsiderazzjoni konsistenti mit-trasferiment ta' tliet vetturi u għodda msemmija fl-istess ftehim favur l-attur. Il-konvenuta Costa, fost il-pattijiet u l-istipulazzjonijiet kontenuti fl-imsemmi ftehim, intrabtet li tirreġistra t-trasferiment ta' dawn l-ishma mar-Reġistratur konvenut fi żmien għaxart ijiem minn dakinhar tal-ftehim, soġġett għall-ħlas tat-taxxa tal-qligħ kapitali dovuta mill-attur.

11. Bħala parti mill-ftehim milħuq, l-attur irriżenja b'effett mill-14 t'April 2016 minn direttur kif ukoll minn rappreżentant legali u ġudizzjarju tas-soċjetà konvenuta[5].

12. Fl-istess ftehim, u b'riferenza għad-deċiżjoni tal-lum, il-partijiet ftehmu:

> 13.1 Any dispute arising between any of the parties in relation to this Agreement shall be referred by a party to arbitration in accordance with the provisions of the Arbitration Act [Chapter 387 of the Laws of Malta] or of any other statutory enactment that may from time to time substitute, replace, amend or otherwise modify it.
>
> 13.2 Arbitration shall be conducted by a single arbitrator appointed by the parties to the dispute and, in the absence of agreement between the parties to the dispute within a period of thirty (30) days from the reference to arbitration made by a party in accordance with sub-clause 19.1, such arbitrator may be appointed by the Chairman of the Board of Governors of the Malta Arbitration Centre upon an application to such effect by a party.

[4] Ara fol.7.
[5] Ara fol.15.

13. Peress li l-konvenuta Costa baqgħet ma rreġistratx l-ishma in kwistjoni fuqha mar-Reġistratur konvenut[6], l-attur ressaq din il-kawża sabiex din ir-reġistrazzjoni titwettaq, kif ukoll biex il-konvenuti jiġu kkundannati jħallsu weħidhom il-penalitajiet dovuti minħabba d-dewmien fir-reġistrazzjoni tat-trasferiment.

Ikkunsidrat:

14. Illi fid-dottrina legali, kien minn żmien ilu aċċettat u riċevut li l-partijiet jistgħu jidderogaw mill-ġurisdizzjoni tal-Qrati ordinarji permezz ta' kuntratt ta' kompromess, li bih huma jiftehmu li jirreferu tilwima għad-deċiżjoni minn terz appuntat minnhom stess, jew permezz ta' klawsoli kompromissorji, li jkunu nkorporati fi ftehim ieħor u li bihom il-partijiet jiftehmu li f'każ ta' tilwima, il-kwistjoni tiġi determinata minn arbitru mqabbad minnhom jew b'mod li jkun maqbul bejniethom. Distinzjoni din li ġiet hekk spjegata minn ***Mortara***:

> La costituzione di un giudizio per mezzo di arbitri è effetto di contratto. Questo può rivestire due forme, delle quali ora è d'uopo trattare: o è contratto particolare e definitivo, in considerazione di una specifica controversia già formata tra le parti, che sia o non sia ancora stata oggetto di domanda giudiziale; oppure è convenzione generale e preliminare, avente per oggetto controversie eventuali e future che potranno nascere da un determinato ordine di rapporti giuridici. Nel primo caso si ha il vero e proprio «compromesso», cosi qualificato nel linguaggio della legge; nel secondo, si ha quella che la legge chiama semplicemente «obbligazione di compromettere» (espressione designante *uno degli elementi* del contratto di compromesso) e il comune linguaggio giudiziario denomina «clausola compromissoria».[7]

15. Il-ġurisprudenza tagħna wkoll ammettiet sa minn żmien ilu l-validità ta' dawn ix-xorta ta' ftehim (ara f'dan is-sens ***Tenente Colonello Henry Nedham Foster, C.M.G., C.B.E.***

[6] Ara fol.16.
[7] Commentario del Codice e delle Leggi di Procedura Civile, Vol.III, §44.

***vs. Antonio Gatt***, Appell Superjuri, 27/6/1924[8]; ***Walter Bonello ne. vs. PL Ercole Valenzia noe***, Kummerċ, 30/6/1948[9]).

16. L-artikolu 742(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid:

> (3) Il-ġurisdizzjoni tal-qrati ta' kompetenza ċivili mhijiex eskluża mill-fatt li jkun hemm xi ftehim ta' arbitraġġ bejn il-partijiet, sew jekk il-proċedimenti ta' arbitraġġ ikunu nbdew jew le, f'liema każ il-qorti, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' kull liġi li tirregola l-arbitraġġ, għandha twaqqaf il-proċedimenti mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (4) u għas-setgħa li għandha l-qorti li tagħti kull ordni jew direttiva.

17. Din id-dispożizzjoni trid tinqara flimkien mal-artikolu 15 tal-Att dwar l-Arbitraġġ, li fis-subinċiżi rilevanti tiegħu jgħid hekk:

> 15. ...
> (3) Minkejja kull dispożizzjoni li hemm fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jekk parti fi ftehim ta' arbitraġġ, jew xi persuna li tagħmel it-talba permezz jew bis-setgħa tal-parti, tibda xi proċedimenti legali f'qorti kontra kull parti oħra fil-ftehim ta' arbitraġġ jew xi persuna li tagħmel it-talba permezz jew bis-setgħa ta' dik il-parti, dwar kull ħaġa miftehma li tiġi riferita għall-arbitraġġ, kull parti f'dawk il-proċedimenti legali tista' f'kull żmien qabel ma tressaq xi eċċezzjonijiet jew tmexxi mod ieħor fil-proċedimenti, titlob lil dik il-qorti li twaqqaf il-proċedimenti, u dik il-qorti jew imħallef tagħha, kemm-il darba ma jkunx sodisfatt li l-ftehim ta' arbitraġġ ikun sar inoperattiv jew ma jistax jitkompla, għandha tordna li jitwaqqfu l-proċedimenti. Rikors jista' jsir minkejja li l-kwistjoni għandha tiġi riferita lill-arbitraġġ biss wara li jiġu eżawriti proċeduri oħra ta' riżoluzzjoni ta' kwistjonijiet.
>
> (4) Meta l-proċedimenti kif hemm imsemmija fis-subartikolu (3) ikunu nġiebu quddiem qorti, proċedimenti ta' arbitraġġ jistgħu jinbdew jew jitkomplew: iżda t-tribunal tal-arbitraġġ m'għandu jieħu ebda passi fl-arbitraġġ sakemm ma l-Qorti tiddeċiedi dwar ir-rikors ħlief f'każijiet meta nuqqas li jingħata rimedju jirriżulta fi ħsara irreparabbli għal xi parti fil-proċedimenti tal-arbitraġġ. Mad-deċiżjoni tal-Qorti, li għandha tiġi notifikata lit-

[8] Kollezz. Vol.XXV.i.1071.
[9] Kollezz. Vol.XXXIII.iii.509.

> tribunal tal-arbitraġġ mir-rikorrent, it-tribunal tal-arbitraġġ għandu jkun marbut bid-deċiżjoni tal-Qorti dwar kwistjonijiet involuti fir-rikors u għandu jaġixxi skont hekk.
>
> ...
>
> (8) Mal-preżentata ta' rikors biex jitwaqqfu l-proċedimenti skont is-subartikolu (3), kull limitu ta' żmien għall-preżentata ta' kull risposta tal-intimat jew tweġiba oħra, kemm jekk titnissel mill-liġi jew minn ordni ta' xi qorti jew tribunal jew xort'oħra, għandu jiġi interrott u għandu jerġa' jibda jseħħ mid-data li fiha r-rikorrent jiġi notifikat bid-deċiżjoni tal-Qorti li tiċħad ir-rikors, u dan irrispettivament minn jekk isirx appell minn xi parti dwar din id-deċiżjoni.

18. Issa huwa minnu li fil-kuntratt li minnu tnisslet din il-kawża, l-attur, il-konvenuti Costa u s-soċjetà konvenuta ftehmu li «*Any dispute arising ... in relation to this Agreement shall be referred ... to arbitration...*».

19. Il-kliem «*arising in relation to this Agreement*» huma wesgħin ħafna, u jinkorpora varjetà kbira ta' kwistjonijiet li jistgħu jitqanqlu. Fir-rigward tal-frażi «*in connection with the contract*», li l-Qorti tqis bħala ekwivalenti għal dawk użati fil-ftehim in meritu, inkiteb li «*The words 'in connection with' are generally given a very broad interpretation and have been held to be sufficiently broad so as to permit claims in tort to be made. These words are also sufficiently broad so as to encompass claims arising during the formation of the contract, such as claims for misrepresentation. They also include claims arising out of a second contract which is related to the contract containing the arbitration clause. In the English case of* Ashville v Elmer *the Court of Appeal stated that the words 'in connection with' covered: "any dispute or difference ... as to any matter or thing of whatsoever nature arising in connection with the contract. I do not find this language either vague or ambiguous. Any dispute or difference unconnected with the parties' contractual relationship is not subject to the arbitration agreement. Any other dispute or difference is. One could imagine disputes which fell close to the line of demarcation and made it difficult to decide whether they were as to matters arising in connection with the contract or not. But the test to be*

*applied to any dispute or difference is a simple one: does this dispute or difference arise as to any matter or thing in connection with the contract or does it not?*»[10].

20. Il-kelma «*dispute*» ukoll solitament tingħata tifsira wiesgħa ħafna fil-kuntest tal-ftehim ta' arbitraġġ. «*The current trend appears to be that if parties have made an arbitration agreement to settle disputes then the word 'dispute' should be construed widely so that the matter can be referred to arbitration. The Court of Appeal in* Halki Shipping Corp v Sopex Oils Ltd *held that an indisputable claim, a claim where there was no arguable defence, where for example a claim was admitted as due and payable, was still a dispute* ... Halki Shipping Corp v Sopex Oils Ltd *was applied in* Davies Middleton and Davies Ltd v Toyo Engineering Corp. *In this case Toyo had already agreed to pay certain sums to Davies Middleton and Davies. However the Court of Appeal held that the fact that these sums had not been paid meant that this was also a dispute, which should be referred to arbitration. The tendency of the court to construe the word dispute broadly is also illustrated by the case of* Al-Naimi v Islamic Press Agency. *In this case it was held that dispute may be a dispute whether the arbitration agreement is relevant to the cause of action*»[11].

21. Fid-deċiżjoni ***Bawag Bank Malta Limited vs. Gemxija Crown Limited et*** (Appell Superjuri, 22/2/2013) ġie deċiż li ma hemmx disputa u kwindi ebda obbligu li l-kreditur jirrikorri għall-arbitraġġ meta kull ma ried kien li jeżegwixxi titolu eżekuttiv li diġà kellu. Il-Qorti tal-Appell qieset illi l-eżistenza ta' titolu eżekuttiv kienet tfisser li m'hemmx disputa.

22. Il-Qorti qiegħda tagħmel dawn l-osservazzjonijiet għaliex mingħajr l-eżistenza ta' disputa, ma jkun hemm xejn x'jiġi riferut għall-arbitraġġ. U fil-każ odjern, il-konvenuti Costa u s-soċjetà konvenuta ma ssollevaw ebda eċċezzjoni oħra ħlief dik li qed tiġi eżaminata fid-deċiżjoni preżenti. Dan jista' jagħti lil wieħed x'jifhem li l-konvenuti Costa u s-soċjetà konvenuta m'għandhomx aktar eċċezzjonijiet x'jagħtu kontra t-talbiet tal-attur, u dan jista' jkun ifisser li fil-verità, m'hemmx disputa bejniethom.

---

[10] ***Andrew Tweeddale and Keren Tweeddale***, Arbitration of Commercial Disputes (Oxford, 2005), §5.69.
[11] ***Tweeddale***, op cit, §16.47-16.48.

23. Wara li ħasbet fit-tul dwar dan l-aspett tal-każ, il-Qorti però qed tasal għall-konklużjoni li n-nuqqas ta' eċċezzjonijiet formali ma jwasslux għall-konklużjoni li ma jkunx hemm tilwima. Wara kollox, anki fil-każ ta' konvenut li jkun kontumaċi, l-oppożizzjoni tiegħu hija preżunta, u dan allura jfisser li l-konvenuti jistgħu f'kull każ jikkontrastaw il-provi u t-talbiet tal-attur fil-meritu tagħhom, anki mingħajr eċċezzjonijiet formali. La saret kawża, l-eżistenza ta' disputa hija effettivament konfermata, u dan irrispettivament minn jekk il-konvenut ikunx ikkontesta l-każ formalment jew le.

24. La darba għalhekk il-Qorti qed tasal għall-konklużjoni li disputa teżisti bejn il-kontendenti, mela allura tidħol fis-seħħ il-klawsola kompromissorja miftehma kif fuq imsemmi.

25. L-attur però jsostni li l-konvenuti Costa u s-soċjetà konvenuta tilfu l-jedd li jinvokaw dik il-klawsola minħabba li ma mxewx kif jgħid l-artikolu 15(3) tal-Att dwar l-Arbitraġġ.

26. Il-Qorti hija konsapevoli li dwar dan l-aspett tal-każ hemm ġurisprudenza konfliġġenti. Jeżistu deċiżjonijiet (ara, fost l-oħrajn, ***AIS Environment Limited vs. L-Awtorità għat-Trasport f'Malta***, Prim'Awla, 7/2/2020; ***Alfred Portelli vs. Kunsill Lokali Ta' Xbiex***, Appell Inferjuri, 26/11/2014; ***Cobra Installations Limited vs. Stephen Caruana***, Appell Inferjuri, 8/11/2013; ***Mario Vella et vs. Malta Industrial Parks Limited***, Prim'Awla, 30/9/2014) li jsostnu li n-nuqqas min-naħa tal-konvenut li jressaq rikors skont l-artikolu 15(3) <u>qabel</u> ma jressaq ir-risposta ġuramentata tiegħu ifisser li l-konvenut ikun irrinunzja għad-dritt tiegħu li jinvoka l-klawsola arbitrali.

27. Hemm imbagħad linja ta' ħsieb oħra kuntrarja. Fid-deċiżjoni ***Cannon Services Limited vs. Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar*** (Prim'Awla, 12/12/2002) intqal hekk:

> Fl-aħħarnett, is-soċjeta' attriċi tissottometti li, skond l-Artikolu 15(3) tal-liġi dwar Arbitraġġ, ir-riferenza għall-arbitraġġ trid issir "qabel ma tressaq xi eċċezzjonijiet jew tmexxi mod ieħor fil-proċedimenti", mentri f'dan il-każ, ir-riferenza ġiet mitluba fit-tieni eċċezzjoni. Din il-Qorti ħasbet fit-tul fuq din il-kwistjoni, u taħseb li m'għandhiex tingħata interpretazzjoni riġida lil dan is-subartikolu. L-iskop tal-liġi hu intiż biex ma jinħeliex żmien, u jekk il-każ

> se jiġi trattat f'Arbitraġġ, jekk jista' jkun, ir-riferenza issir mill-ewwel u mhux wara smigħ tal-provi jew trattazzjoni fuq xi materja tal-każ. Dak li hu importanti, allura, mhux li, qabel ma jressaq l-eċċezzjonijiet tiegħu, il-konvenut, b'talba ad hoc, jitlob riferenza għall-Arbitraġġ, iżda li din ir-riferenza tiġi mitluba l-ewwel ħaġa. Kif inhi l-liġi hu permess li konvenut, qabel ma jressaq l-eċċezzjonijiet tiegħu, jitlob, b'rikors ad hoc, ir-riferenza għall-arbitraġġ, iżda din it-talba mhux meħtieġ li jsir hekk bil-fors, u tista' ssir b'talba imressqa fil-bidu ta' l-eċċezzjonijiet.
>
> Il-ġurisprudenza u l-liġi dejjem riedu li l-eċċezzjoni ta' inkompetenza tal-Qrati ordinarji minħabba klawsola ta' arbitraġġ tiġi sollevata in limine litis, u l-Artikolu 15(3) tal-liġi ta' Arbitraġġ jirrifletti dan il-ħsieb. Fil-kawża "Micallef vs Gollcher" deċiża fit-23 ta' Frar, 1989, l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ osservat illi dak li hu importanti hu li, dik il-materja, "tiġi mogħtija f'dak l-istadju li jikkomprendi ż-żmien li jippreċedi t-trattazzjoni tal-kawża fil-meritu tagħha, li huwa dak li jissejjaħ l-istadju preliminari tal-kawża." F'dik il-kawża, l-ewwel ingħatat eċċezzjoni li tat lok għall-korrezzjoni fiċ-ċitazzjoni u għall-notifika ġdida tal-istess; wara t-tieni notifika, ġiet l-ewwel sollevata l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, li ġiet irtirata, u kwindi l-eċċezzjoni tal-ġurisdizzjoni, li kienet it-tieni waħda, ġiet meqjusa bħala mogħtija fl-istadju opportun.

28. Tal-istess fehma hija d-deċiżjoni ***Panta Marketing and Services Limited vs. AX Construction Limited*** (Appell Superjuri, 3/12/2010). Aktar riċentement, fid-deċiżjoni ***Clentec Limited vs. Il-Ministru tas-Saħħa et*** (Appell Superjuri, 27/3/2020) ġie osservat:

> Din il-Qorti tirribadixxi l-ħsieb li l-Artikolu 15(3) tal-Kap. 387 m'għandux jingħata nterpretazzjoni riġida ladarba skont l-imsemmi provvediment tal-liġi r-rikors imsemmi mhux mandatorju, dan kif jixhed l-użu tal-kelma "tista'", li tagħti lil wieħed x'jifhem li hija fid-diskrezzjoni tal-parti li tinvoka l-ftehim arbitrali li tippreżenta rikors u titlob soprasessjoni. Madankollu dik il-persuna li tinvoka klawżola arbitrali permezz ta' tweġiba ġuramentata (minflok rikors) u għalhekk trid li jiġi onorat l-ftehim, m'għandhiex tiġi ppreġudikata għaliex minflok għamlet rikors u talbet is-soprasessjoni, ippreżentat tweġiba ġuramentata, att ġudizzjarju ieħor fejn ġiet invokata l-klawsola arbitrali; wara kollox l-ispirtu tal-liġi m'huwiex li wieħed joqgħod jintilef f'formaliżmu żejjed.

29. Din il-Qorti ħasbet fit-tul fuq din il-kwistjoni, u jidhrilha li l-pożizzjoni legali l-aktar attendibbli hija dik li esposta fl-aħħar. Il-linja tal-ħsieb li tqis mandatorja l-preżentata ta' rikors skont l-artikolu 15(3) mhux biss hija kontradetta mill-fatt li l-liġi stess tuża l-vokabolu "tista'" u mhux "għandu", imma wkoll tattribwixxi lil dak il-konvenut li ma jressaqx tali rikors l-effetti ta' rinunzja taċita għall-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni, minkejja li l-istess konvenut ikun issolleva dik l-eċċezzjoni fir-risposta ġuramentata tiegħu.

30. Fid-deċiżjoni ***Josephine Bugeja vs. Carmelo Bugeja et*** (Appell Superjuri, 30/10/2001) intqal kif ġej: «*Inoltre "ir-rinunzji huma di stretto diritto meta ma humiex espressi u għandhom jirriżultaw minn fatti assolutament irrikonċiljabbli mal-volonta' tal-konservazzjoni tad-dritt u li juru l-volonta' preċiża tar-rinunzja" (Vol. XXXVI, P I, p. 343). Ir- rinunzja għalhekk trid tkun ċara w espliċita' b'mod li jekk il-kliem użat ikun ekwivoku r-rinunzja għandha tiġi eskluża. "Bħala teżi ġenerali u bħala kriterju tar-riżoluzzjoni ta' dan il-punt għandhom l-ewwel nett jiġu rispettati l-prinċipji paċifikament aċċettati fuq il-kwistjonijiet ta' rinunzji taċiti ...... `Le rinunzie tacite si devono cosi strettamente interpretare che dai fatti onde si vogliono desumere non si possa trare altra congettura che l'evidente proposito di rinunciare'....... Dina l-istess Qorti f'sentenza tagħha tal-1840 fil-kawża "Sciberras vs Giappone" (Koll. 1839/40 pag. 278) kienet osservat `che qualunque rinunzia, non essendo generale o specifica, non riceve che stretta interpretazione in guisa che in dubbio s'intenda rimesso quanto meno sia possibile'" (Vol. XXIX, P.II, p. 87)*». Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża ***Alfred Cauchi et vs. Joseph Xuereb et*** (9/10/2003) irribadiet li: «*Kif ingħad mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawża "Filati Ltd vs Tramps Ltd", deċiża fit-8 ta' Mejju, 2003, b'approvazzjoni ta' deċiżjoni riportata fil-Kollez. Vol.XXXVI.I.343, "ir-rinunzji huma di stretto diritto u għandhom jirriżultaw minn fatti assolutament inkonċiljabbli ma' konservazzjoni tad-dritt u li juru l-volonta' preċiża ta' rinunzja. Kwindi ma jistax jiġi konkluż illi jkun hemm rinunzja taċita jekk mill-provi ma jkunx hemm indizji ċari u assoluti li l-volonta' tal-persuna jew persuni tbiddlet. Għandu jsegwi minn dan kollu li jekk l-indizzju u l-fatti jħallu dubju dwar il-volonta' tal-persuna, dan għandu jittieħed kontra l-eżistenza tar-rinunzja". (ara wkoll "La Rosa de Cristoforo vs Russell", deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-24 ta' Frar, 1939, u "Sammut vs Azzopardi", deċiża wkoll mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-29 ta' Novembru, 1993)*».

31. M’humiex inopportuni wkoll is-segwenti senjalazzjonijiet, u ċjoè dik magħmula fid-deċiżjoni ***Baruni Gino Trapani Galea Feriol pro et noe vs. Paola Deguara et*** (Appell Inferjuri, 1/12/2004): «*Fi kliem ieħor hemm bżonn li din ir-rinunzja tirriżulta minn att jew kumpless ta' atti li jissupponu neċessarjament fir-rinunzjant l-intenzjoni li huwa jabdika d-dritt tiegħu (Kollez. Vol. XXVIII P II p 333; Vol. XXXIV P II p 646)*», u dik rikapitata mid-deċiżjoni ***Doris Laferla et vs. Louis Cauchi Savona et noe*** (Appell Superjuri, 6/2/1995), fejn ġie ribadit illi: «*Bħala enunzjazzjoni ġenerali jista' jingħad li l-kommissjoni jew l-ommissjoni ta' min għandu dritt, ikollhom il-valur ta' rinunzja ta' dak id-dritt meta dak il-fatt ma jkunx ġuridikament kompatibbli mal-pretiża li tkun ġiet dedotta fl-azzjoni. Hekk per eżempju, ġie ritenut illi l-preskrivent ta' immobbli li bid-dekors ta' tletin sena li jkun qed jakkwista b'użukapjoni jrid ikollu l-intenzjoni li jsir huwa l-proprjetarju ta' l-immobbli. Jekk huwa jiddikjara li l-ħaġa mhix tiegħu allura jkun qed jirrinunzja dik il-preskrizzjoni għaliex dikjarazzjoni simili mhux kompatibbli mal-ferma intenzjoni tiegħu li jakkwista l-immobbli – (App. 13 ta' Marzu, 1953* ***Caruana vs Vella*** *– Vol.XXXVII.I.105). L-istess ġie frekwentement ritenut li min jirċievi l-kera mingħajr protesta u riżerva jkun qed jirrinunzja għad-dritt ta' l-azzjoni għall-permess biex ma jġeddidx il-lokazzjoni. (App. 27 ta' Novembru, 1953* ***Scicluna vs Galea*** *Vol. XXXVII.I.379)*».

32. Din il-Qorti ma tirraviża ebda nkompatibilità jew irrikonċiljabilità fl-aġir ta' konvenut li minflok jagħmel rikors skont l-artikolu 15(3), jissolleva l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' kompetenza fir-risposta ġuramentata tiegħu. Anzi, l-fatt li ssir dik l-eċċezzjoni turi bl-aktar mod inekwivoku li l-konvenut ried jikkonserva il-jedd tiegħu għal dik l-eċċezzjoni, u għalhekk ebda rinunzja taċita ma tista' tiġi deżunta minn dak il-fatt. U la darba r-rinunzji huma "di stretto diritto", kif dejjem ġie ritenut fil-ġurisprudenza tagħna, mela allura jsegwi illi għandha tiġi eskluża ħlief fejn din tirriżulta b'mod ċar u inekwivoku.

33. L-argument tal-attur abbażi tal-artikolu 15(3) tal-Att dwar l-Arbitraġġ għalhekk huwa respint.

34. L-aħħar argument tal-attur huwa li l-konvenuti, li wkoll għandhom il-jedd li jirrikorru għall-arbitraġġ, irrinunzjaw għal dan il-jedd minħabba li bl-aġir tagħhom, urew li ma kienux beħsiebhom jinqdew bil-ftehim arbitrali, lanqas wara li ġew interpellati mill-

attur. In sostenn ta' dan l-argument tiegħu, l-attur jagħmel riferenza għad-deċiżjoni ***Kunsill Lokali Victoria vs. Gatt Asphalting Limited*** (Qorti t'Għawdex, 24/9/2013). F'din id-deċiżjoni, ingħad li l-fatt li l-parti konvenuta kienet taf bit-tilwima iżda qatt ma ħadet passi biex tirreferiha għall-arbitraġġ ifisser li kienet irrinunzjat għal dak id-dritt. Biex waslet għal din id-deċiżjoni, dik il-Qorti straħet prinċipalment fuq dak li ġie deċiż fil-kawża ***Ignatius Gatt et vs. Franco Facchetti et pro et noe*** (Appell Superjuri, 10/10/2003), fejn intqal:

> Fi kliem ieħor, iż-żewġ partijiet kellhom it-tnejn indaqs l-obbligu kontrattwali, wara li tfaċċa d-diżgwid serju bejniethom, li jirreferu l-kwistjoni għad-deċiżjoni ta' l-arbitru mingħajr dewmin. Huwa prinċipju sagrosant tal-liġi li l-kuntratti għandhom jiġu esegwiti bil-buona fidi. Din il-Qorti hi tal-fehma li mhux permess għall-konvenut li issa jinvokaw l-eżekuzzjoni tal-klawżola arbitrali f'din il-kawża meta wrew passivita` prolungata tagħhom, kienu wrew biċ-ċar li ma kellhomx l-intenzjoni li jimxu fit-triq ta' l-arbitraġġ. Irriżulta li bl-imsemmija ittra uffiċċjali (ara para 7 supra) , l-attur kien ta r-raġunijiet tiegħu għaliex ma kienx dispost li jissottometti ruħu għal arbitraġġ kondott mill-persuni li jissemmew fil-klawżola arbitrali. Fl-istess ittra huwa kien intima lill-konvenuti biex jirregolaw ruħom. Din il-Qorti hija soddisfatta li, la darba l-konvenuti ma ikkontradixxewx lill-attur, u lanqas ma ressqu huma stess il-vertenza bejniethom quddiem l-arbitru imsemmi fil-ftehim, kif kellhom id-dover li jagħmlu, allura wieħed raġonevolment għandu jasal għall-konklużjoni li huma ġew li aċċettaw il-posizzjoni li ħa l-attur fil-konfront tal-klawżola arbitrali u konsegwentement irrinunzjaw taċitament għall-effetti ta' l-istess klawżola.

35. Din il-fehma wkoll ma kinitx għal kollox uniformi fil-ġurisprudenza tagħna. Din il-Qorti tagħmel riferenza għad-deċiżjoni ***Cordina Insurance Agency Limited noe vs. John Abela Limited*** (Appell Inferjuri, 3/10/2008), li tirripudja l-linja tal-ħsieb imħaddna fid-deċiżjoni ***Gatt vs. Facchetti***, fuq ċitata.

36. Din il-Qorti, bħala prinċipju, jidhrilha li huwa legalment possibbli li bil-kondotta tagħha, parti għal ftehim t'arbitraġġ tirrinunzja għad-dritt li tinvoka l-klawsola arbitrali, kemm-il darba dik il-kondotta tkun waħda li b'mod ċar u inekwivoku tirriżulta inkonċiljabbli mal-konservazzjoni ta' dak id-dritt. Minn dak li jirriżulta fl-atti tal-kawża sal-lum, ma jirriżultax illi l-konvenuti Costa u s-soċjetà konvenuta aġixxew b'tali mod.

Ċertament l-attur ma ressaq ebda prova dwar dan. U għalkemm hu minnu li saret ittra uffiċċjali, lill-Qorti jirriżultalha li dik l-ittra uffiċċjali saret fit-22 ta' Marzu 2023, u kwindi jum biss qabel l-istituzzjoni tal-kawża odjerna, u għalhekk ma jidhirx li l-konvenuti kellhom l-opportunità li jagħmlu reazzjoni għaliha qabel ma saret din il-kawża.

37. Għalhekk anki dan l-argument tal-attur mhux qed jiġi milqugħ.

38. Il-konsegwenza tal-akkoljiment tal-eċċezzjoni taħt eżami iżda m'hijiex li l-kawża tieqaf hawn, imma li dawn il-proċeduri jiġu sospiżi pendenti l-eżitu tal-arbitraġġ, kif irid l-artikolu 742(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

39. Għaldaqstant il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi billi, filwaqt li tilqa' l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' kompetenza sollevata mill-konvenuti Costa u mis-soċjetà konvenuta, tidderieġi lil min għandu interess iressaq proċeduri t'arbitraġġ sa mhux aktar tard minn xahrejn millum, u qed tissoprasjedi pendenti l-eżitu ta' dawk il-proċeduri, b'dan illi t-termini maħsuba fl-artikolu 964 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jibdew jiddekorru meta l-proċeduri t'arbitraġġ jiġu magħluqa b'mod definittiv, jew inkella mal-għeluq tat-terminu ta' xahrejn f'każ li l-proċeduri t'arbitraġġ ma jiġux istitwiti.

Il-Qorti qed tordna lil min se jressaq il-proċeduri t'arbitraġġ sabiex jeżebixxi kopja awtentika tal-avviż tal-arbitraġġ u tat-talba bil-miktub, u fin-nuqqas li dawn id-dokumenti jiġu eżebiti fi żmien xahrejn millum, se jitqies li l-proċeduri t'arbitraġġ ma sarux.

L-ispejjeż ta' din id-deċiżjoni jkunu a karigu tal-attur.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Lydia Ellul
Deputat Reġistratur